

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Appell ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2014 minn Jyoti Ceramic Industries PVT. Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fl-1 ta' Lulju 2014 fil-Kawża T-239/12, Jyoti Ceramic Industries PVT. Ltd vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-420/14 P)

(2015/C 096/02)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Jyoti Ceramic Industries PVT. Ltd (rappreżentanti: D. Jochim u R. Egerer, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), DeguDent GmbH

B'digriet tal-5 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Seba' Awla) ħadet l-appell u kkundannat lill-appellanti tbat i-ispejjeż tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja) fis-16 ta' Diċembru 2014 – Sandra Bitter, avukat, bħala mandatarja stralcjarja ta' Ziegelwerk Höxter GmbH vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-580/14)

(2015/C 096/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sandra Bitter, avukat, bħala stralcjarja ta' Ziegelwerk Höxter GmbH

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Domanda preliminari

Ir-regola li tinsab fit-tieni sentenza tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87⁽¹⁾, li tipprovdi li għal kull tunnellata metrika ta' dijossidu tal-karbonju mitfugħa li għaliha l-operatur jew operatur ta' ajruplan ma jkunx ċeda kwoti, il-multa fuq l-eċċess tal-emissjonijiet għandha tkun ta' EUR 100, hija kuntrarja għall-prinċipju ta' proporzjonalità?

⁽¹⁾ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631.